VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 21 tal-2018

ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TAL-1980)

Ordni tal-2018 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet Att tal-2016 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi (Att XV tal-2016)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(i) u (k) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel din il-korrezzjoni:

Korrezzjoni tal-Att tal-2016 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi. Att XV tal-2016.

1. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 31 tal-Att tal-2016 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi, għandha ssir korrezzjoni billi minflok il-paragrafi (a), (b) u (ċ) tiegħu għandhom jiġu sostitwiti l-paragrafi li ġejjin:

"(a) l-artikoli 32 u 33 għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fit-12 ta' Ottubru, 2015;

(b) l-artikoli 34, 35, 36, 38, 39, 40 u 41 għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fit-13 ta' Ottubru, 2015; u

(ċ) l-artikolu 37 għandu jiġi fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2016.".

Bidu fis-seħħ.

2. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali stabbilixxa l-15 ta' Marzu, 2016, bħala d-data li fiha l-korrezzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u ppubblikata f'dan l-Avviż Legali għandha titqies li daħlet fis-seħħ.